MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 337/2004

**Charles Sammut**
**vs**
**Paul Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Frar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' sebgha mija u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm729.00), ghal madum « Greca Erica Decor » u « Greca Alpes Bg. Steps » mqeghdin b'xoghol hazin u mhux skond is-sengha, tant li kkawza difetti strutturali kbar, u dan fil-fond « Wombat », Francis Ebejer Street, Swieqi, propjeta' tal-attur ;**
**Il-konvenut kien imqabbad mill-attur biex jaghmel xoghol ta' tqeghid ta' madum fit-tarag ta' barra tad-dar, liema madum gie mhallas minn qabel mill-attur ;**
**Kemm-il darba l-konvenut wieghed lill-attur li kien jirranga dan iz-xoghol, izda qatt ma wasal ;**

**Esebit kopja tar-rapport tal-Perit Edgar Rossignaud u statement dettaljat tal-madum mixtri ;**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja, ittra ufficjali, u l-konvenut imharrek ghas-subizzjoni u bl-imghax.**

**Ra r-risposta prezentata fit-12 ta' April, 2004 fejn intqal :**
**i. Illi l-pretensjonijiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fil-ligi billi mhux veru li l-esponent kien responsabbli ghal xi nuqqas li kkaguna hsarat strutturali jew ghamel xoghol hazin.**
**ii. Inoltre l-eccipjent m'ghandux jaghti l-ammont pretiz ;**
**iii. Bla pregudizzju ghas-sueccepit l-eccipjent m'ghandux iwiegeb ghad-difetti fil-madum innifsu jew danni mhux kagunati minnu.**
**iv. Salvi eccezzjonijiet ohra meta l-attur jispjega dettaljatament il-pretensjonijiet tieghu u l-mod kif wasal ghall-ammont reklamat.**

**Semgha x-xhieda ta' Charles Sammut, Noel Attard, il-Perit Edgar Rossignaud, Paul Micallef. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ra d-digriet tal-20 t'Ottubru, 2004 li bih dan it-Tribunal hatar lil Perit Patrick Camilleri bhala Espert Tekniku. Ra li fil-11 ta' Jannar, 2005 il-Perit Tekniku pprezenta u halef ir-rapport.**

**Ikkunsidra :**
**1. Jirrizulta li l-attur kien inkariga lill-konvenut sabiex iqieghedlu madum fil-fond « Wombat » Francis Ebeyer Street, Swieqi, u biex jaghmel il-madum tat-tarag ta' barra. Il-kwistjoni tirrigwarda il-madum tat-tarag ta' barra.**
**2. Skond l-attur, wara t-tqeghid tal-madum, innota li kien hemm il-vojt taht il-madum u avza lill-konvenut b'dan u dan qallu li dan jimtela meta jitqieghed il-grouting.**
**Inotre l-attur ilmenta li l-madum vertikali kien gie mghawweg u bicciet imbuzzati l-barra.**

**L-attur qal lill-konvenut biex jirrangah u dan beda jaqla l-madum pero` ma kompliex. Meta kkuntattjah qallu li kien l-Isptar.**
**L-attur qabbad lil Perit Edgar Rossignaud biex jaghmel rapport.**
**Meta l-attur rega' kkuntattja lill-konvenut dan qallu li l-problema kienet fil-madum. L-attur jghid li ta' Carini Stores qalulu li l-madum ma kienx difettuz.**
**Skond l-attur meta nforma lill-konvenut b'dan qal li m'hemmx x'taghmel u li kien ser jiekolha hu, u ftehmu li jmur is-Sibt, pero` ma marx u qallu li mhux ser jiffirma karti.**
**Il-madum ta' barra kien inxtara minghand Carini Stores u sewa' sitt mija u disgha u sebghin lira Maltija (Lm679.00). Ir-ritratti Dok.CS1 sa CS11 juru l-madum li dwaru hemm l-ilment.**
**3. Noel Attard ta' Carini Stores jghid li l-madum kien tal-prima, u kkonferma li l-grouting ma kienx ghadu sar.**
**4. Il-Perit Rossignaud xehed li meta jsir l-konkos tat-tarag wiehed irid jippjana biex jikkoregi fih ghat-tqeghid tal-madum. Qal li t-tip ta' madum maghzul, ta' gholi fiss kienet problema u wiehed ma jistghax jikkoregi l-madum billi jaqtghu bhalma kien ikun il-kaz li kieku kien irham. Innota li l-madum estern suppost ixaqleb il-barra u dan ma kienx hekk.**
**5. Il-konvenut jghid li t-tarag kien sfigurat peress li l-konkos ma kienx tqieghed sew. Ma kienx l-konvenut li qieghed l-konkos. Lanqas ma kien il-konvenut li xtara l-madum, peress li dan kien xtrah l-attur. Skond il-konvenut: "Meta wasalt biex inlesti, jiena innutajt illi t-tieni jew it-tielet targa mill-ahhar kienet baxxa aktar mill-ohrajn. Ghidtlu li nirrangahilu. Dak il-mument meta ndunajt b'dan, jiena kont diga qieghedt il-madum u kont bdejt inqieghed il-madum minn fuq." Jidher li f'dan l-istadju l-attur insista li l-konvenut jaqla l-madum kollu. Il-konvenut jghid li qallu li kien lest li jirrangalu, pero` qabdu ugiegh f'sidru u spicca l-isptar.**
**6. Mir-rapport tal-Perit Tekniku nominat mit-Tribunal, il-Perit Patrick Camilleri, gie nnutat li:**
**a. kien hemm madum miksur;**

**b. il-grouting ma sarx;**
**c. madum mhux impoggi b'livell uniformi;**
**d. madum bil-wieqfa mhux linja dritta;**
**e. spazji bejn il-madum.**

**Dawn l-affarijiet konstatati mill-perit meta accede fuq il-post, jirrizultaw ukoll mir-ritratti esebiti.**

**7. Il-Perit Tekniku nnota li l-madum kien fil-fatt madum mahdum specifikatament ghat-turgien (ParaC.1 pagna 4 tar-rapport). Inoltre innota li l-fatt li l-grouting ma kienx sar seta kien fattur il-ghala jinqasam il-madum (ParaC.1 pagna 4 tar-rapport). Dwar li l-grouting ma sarx, hija l-fehma tat-Tribunal li definittivament ma ghandux htija l-konvenut.**

**8. Il-Perit Tekniku nnota li l-konkos ma kienx imqiegħed sew. Qal li huwa normali li x-xoghol ghall-aggustament ma jsirx mill-bennej izda minn min iqiegħed il-madum. Innota li hu mportanti li l-konkos jigi rrangat qabel ma jibda jitqiegħed il-madum. Il-Perit Tekniku jinnota li : « ….ix-xoghol ta' tpoggija tal-madum ma jmissu qatt ma inbeda qabel mat-tarag kien gie kompletament rrangat. » Jghid ukoll : « Hija l-opinjoni tieghi illi mhuwiex possibli illi jitqieghed dan it-tip ta' madum, (tal-muzajk), fl-istess hin li jkun qed jigi rrangat it-tarag. » (pagna 6 tar-rapport)**

**9. It-Tribunal innota dak li kkonkluda il-Perit Tekniku : « Hija l-opinjoni tieghi illi huwa kwazi mpossibbli li wiehed jirranga dawn id-difetti u ma jidhirx illi hemm alternattiva ohra hlief illi x-xoghol isir mill-gdid. » (konkluzjoni pagna 6 tar-rapport)**

**10. Tenut kont ta' dak li rrileva l-Perit Tekniku, u tenut kont ukoll tax-xhieda tal-konvenut li nnota li kien hemm difett fit-tarag biss meta wasal biex ilesti t-tqeghid tal-madum, ma jistghax hlief iwassal ghall-konkluzjoni li tassew ix-xoghol ma sarx kif suppost, u li konsegwentement l-attur ghandu jigi rimborsat ghall-madum li hemm u ghax-xoghol biex jitnehhew dawn il-madumiet, liema ammont huwa dak rilevat a fol.4 tal-process, cioe` l-ammont mitlub fl-avviz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta'**

**seba’ mija u disgha u ghoxrin lira Maltija (Lm729.00) bl-imghax legali dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Perit Tekniku nominat, ghandhom jigu sofferti unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------